**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2020**

**Talba Nru: 496/2018 PM1**

**Roberto Grancini (K.I. 0177538(A)) f'isem il-kumpannija tieghu Dadalink Limited numru ta' registrazzjoni C60589**

**Vs**

1. **Argus Insurance Agencies Limited a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**
2. **Galea Insurance Brokers u Future Focus Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) t'Ottubru, 2018 li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet li konvenuti jew min minnhom jigi kkundannati li jhallsu s-somma ta' hamest elef euro (€5000) oltre l-interessi relattivi b'effett mid-data tan-notifika tal-istess avviz, dovuti lill-attur bhala rizarciment ta' danni sofferti minnu fir-restaurant tieghu 'Soul Food', Triq il-Merkanti, Valletta meta fit-8 t' April, 2018 buffura qawwija ta' rih ikkagunatlu hsarat fl-umbrelel semi permanenti li huwa kellu stallati fl-ispazju pubbliku avanpost ghar-ristorant tieghi u dana ghar-ragunijiet kollha hemmhekk moghtija bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-istess konvenuti jew min minnhom.

Ra r-risposta tas-socjeta` Argus Insurance Agencies Limited li permezz taghha gie eccepit:

1. Fl-ewwel lok li l-eccipjenti ma tiggestixxi ebda negozju f' isimha proprju izda tagixxi dejjem u unikament f'isem is-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u kwindi l-istess eccipjenti, fil-kwalita` personali taghha, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti tirrileva illi s-socjeta` konvenuta l-ohra, ezercenti l-kummerc bhala Galea Insurance Brokers, agixxiet proprju ta' *broker* ghan-nom tal-attur noe u kwindi t-talbiet attrici jistghu jigu diretti biss fil-konfront tal-istess *broker* jekk stess kellu jirrizulta – *dato ma non concesso* – illi l-broker wieghed kopertura illi effettivament ma tezistix ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni mahruga mill-eccipjenti
3. Dejjem in linea sussidjarja ghall-eccezzjonijiet premessi, l-event dannuz illi minnu l-attur qieghed jilmenta illi soffra d-danni ma kienx kopert mill-polza mahruga mill-eccipjenti illi kienet tkopri biss hsara fuq proprjeta`immobiljari (u kwindi kjarament mhux umbrelel illi huma mobbli), u wkoll public liability – jigifieri kwalunkwe danni illi seta'gie reklamat minn terzi fil-fond gestit mill-attur, illi lanqas ma huwa l-kaz odjern.
4. In linea sussidjarja u assoltament minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib l-ahjar prova tal-allegazzjonijiet minnu mressqa.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Ra li waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2018 l-avukat difensur tal-attrici ikkjarifika illi l-kawza odjerna giet intavolata wkoll fil-konfront ta' Future Focus Limited u Galea Insurance Brokers Limited u li kwindi dawn iz-zewg socjetajiet huma intimati f'dawn il-proceduri.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta Future Focus Limited (a fol. 71 tal-process) li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

Illi fl-ewwel lok irid jigi iccarat jekk it-talba tar-rikorrenti hijiex diretta kontra Argus Insurance Agencies Limited u Future Focus Limited biss jew inkella kontra Galea Insurance Brokers Limited ukoll, u dana stante illi filwaqt li fl-okkju tal-avviz tat-talba jissemmew flimkien Galea Insurance Brokers u Future Focus Limited, fid-dettalji tat-talba jirrizulta illi t-talba tar-rikorrenti hija diretta biss kontra Argus Insurance Agencies Limited u Future Focus Limited

Illi jekk dan it-Tribunal jirrizultalu illi t-talba tar-rikorrenti hija diretta wkoll kontra Galea Insurance Brokers Limited din tal-ahhar qed tressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

1. Illi preliminarjament is-socjeta`rikorrenti Dadalink Limited m'ghandhiex l-interess guridiku sabiex tinterponi din il-kawza kontra l-intimata u dana ghaliex hija qatt ma kellha relazzjoni legali mal-intimata u dana stante illi Roberto Grancini dejjem agixxa f'ismu personali u fil-fatt il-polza tal-assigurazzjoni ma'Argus Insurance Agencies Limited dejjem kienet f'isem Roberto Grancini personalment.
2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta`rikorrenti Dadlink Limited trid iggib prova illi hija kellha d-dritt u l-permessi kollha mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tinstalla l-umbrelel mertu tal-kawza fil-post illi fih kienu jinsabu meta sehh l-allegat incident u li hija l-proprjetarja tal-istess umbrelel.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata dejjem wettqet dak kollu li kien fil-kapacita` u fil-kontroll taghha.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qatt ma ipprovdiet evidenza tal-akkwist tal-umbrelel mertu tal-kawza lill-intimati jew min minnhom.
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata mhijiex u qatt ma kienet rapprezentant jew agent ta' Argus Insurance Agencies Limited, ma ghandha u ma kellha l-ebda kontroll fuq l-agir ta'Argus Insurance Agencies Limited u fuq jekk dawn tal-ahhar jipprovdux kopertura jew ihallsux claims jew le.
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata ma ghandha l-ebda responsabilita`u ma ghandha thallas ebda ammonti lir-rikorrenti.
7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti trid iggib prova tad-danni realment inkorsi minnha.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

   Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra wkoll ir-risposta ta' Galea Insurance Brokers Limited li tenniet l-istess eccezzjonijiet surreferiti (a fol. 69 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Roberto Grancini moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt tali seduta (fol. 24 et. seq tal-process)

Ra d-dokumenti ezebiti mill-attur waqt is-seduta tal-11 ta'Marzu, 2019.

Sema x-xhieda in kontro-ezami ta' Roberto Grancini wkoll waqt is-seduta tal-1 t'April, 2019.

Ra n-nota attrici datata 13 ta'Mejju, 2019 u d-dokumenti annessi mal-istess (a fol. 95 et. seq tal-process).

Ra li waqt is-seduta tas-17 ta'Gunju, 2019 it-Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta` Argus Insurance Agencies Limited ghall-prezentata tar-risposta ulterjuri taghha.

Ra r-risposta ulterjuri tal-istess socjeta` li permezz taghha eccepiet li s-socjeta` attrici m'ghandhiex interess guridiku fil-proceduri odjerni billi l-polza tal-assikurazzjoni mertu tal-kawza hija mahruga f'isem Robert Grancini personalment.

Sema' x-xhieda ta' Rosanne Galea waqt is-seduta tas-17 ta'Gunju, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti waqt tali seduta (a fol. 134 et. Seq. tal-process).

Ra n-nota tas-socjeta`Argus Insurance Agencies Limited b'anness maghha l-affidavit ta' Max Borg Bonello u dokumenti ohrajn (a fol. 154 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Gretel Busuttil u ra d-dokumenti ezebiti minnha waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019 (a fol. 161 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Max Borg Bonello in kontro-ezami waqt is-seduta tat-3 ta' Frar, 2020 (a fol. 240 et. seq tal-process).

Ra n-nota tas-socjeta` Galea Insurance Brokers Limited datata 13 ta' Lulju, 2020 u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti oltre tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob rizarciment ta' danni sofferti minnu fir-restaurant tieghu 'Soul Food', Triq il-Merkanti, Valletta meta fit-8 t' April, 2018 buffura qawwija ta' rih ikkagunatlu hsarat fl-umbrelel semi-permanenti li huwa kellu hemm stallati.

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi determinata l-eccezzjoni preliminari imressqa mill-konvenuti kollha koncernanti l-interess guridiku tas-socjeta` Dadalink Limited biex tinterponi l-azzjoni odjerna. Tali eccezzjoni tressqet kemm mis-socjeta` Future Focus Limited u kif ukoll mis-socjeta` Galea Insurance Brokers Limited (l-ewwel eccezzjoni

preliminari) u kif ukoll mis-socjeta` assikuratrici intimata Argus Insurance Agencies Limited permezz tar-risposta ulterjuri taghha datata 18 ta' Gunju, 2019 wara digriet ta' dan it-Tribunal li awtorizza tali prezentata.

Illi f'dan ir-rigward huwa car li dak li qieghed jigi kontiz bejn il-partijiet huwa jekk is-socjeta` attrici ghandhiex l-interess guridiku mehtieg sabiex tagixxi ghall-kumpens tad-dannu soffert minnha abbazi ta' polza tal-assikurazzjoni li, skont il-konvenuti, kienet tghajjat lil Roberto Grancini personalment. Effettivament, kif jirrizulta car mill-*Business Select Policy Schedule* l-attur, evidentement fil-kwalita` tieghu persunali, jinsab indikat bhala 'The Insured' (Policy Schedule a fol. 55 et. seq tal-process). Jirrizulta wkoll li l-*proposal form* li wasslet ghall-hrug ta' tali polza kienet tindika lil "*Roberto Grancini obo Soul Food Restaurant*" bhala 'proposer'. Il-parti tal-*proposal form* koncernanti '*Interested Parties*' ma jidhirx li giet mimlija (kopja tal-*proposal form* ezebita a fol.169 tal-process).

Illi jekk l-avukat difensur tal-attur, waqt it-trattazzjoni bil-fomm fir-rigward ta'dan il-punt, ikkontenda li meta l-attur issottoskriva ghall-kuntratt assikurattiv huwa ma kienx qed jiddistingwi bejnu u s-socjeta` tieghu, il-konvenuti lkoll issottomettew li l-korrispondenza bejniethom dejjem kienet f'isem l-attur u li s-socjeta` attrici Dadalink Limited qatt ma ssemmiet.

Illi f'dan ir-rigward, skont il-kazistika applikabbli, il-Qrati Taghna ikkunsidraw kwistjonijiet simili fid-dawl ta' dak li jinsab provdut taht l-art.1000 tal-**Kodici Civili** li jirregola kuntratti li jkunu saru wkoll a beneficcju ta' terzi. F'dan ir-rigward fil-fatt gie deciz is-segwenti:

> "*Ghar-rigward tal-ewwel punt sollevat, hu veru li l-kuntratt ta' assikurazzjoni kien gie ffirmat mal-Prisons Officers' Association (Malta), li kienet il-policy holder talassikurazzjoni. Dan il-kuntratt, pero', kien gie iffirmat a beneficcju tal-membri tal-Ghaqda, u ghalkemm l-Ghaqda tista' titqies li ghandha personalita' guridika distinta minn dik tal-membri taghha, l-kuntratt li ffirmat ma kienx a beneficcju taghha, izda a beneficcju tal-membri tal-Ghaqda u l-eredi taghhom. Kuntratt simili hu validu u hu kontemplat fl-artikolu 1000 tal-Kodici Civili li jiddisponi dan li gej:*

*"1000. Wiehed jista' wkoll jikkuntratta ghall-vantagg ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jaghmel ghalih innifsu, jew ta' donazzjoni jew ta' koncessjoni maghmula minnu lil haddiehor; u l-persuna li taghmel dan il-patt ma tistax thassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih."*

*Fuq il-kuntratt in kwistjoni, l-Ghaqda obbligat ruhha li thallas il-premiums relattivi, bil-kondizzjoni li, wara l-mewt ta' xi membru, l-parti l-ohra fuq il-kuntratt thallas kumpens lill-eredi ta' dak il-membru. Kuntratti simili kienu jezistu wkoll fid-dritt Ruman, u fil-perjodi tal-bidu, kien l-istipulanti li kellu jipprocedi kontra l-parti l-ohra biex din taghti lill-beneficcjarju d-drittijiet kontemplati fil-kuntratt; il-benficcjarju ma kellu ebda azzjoni diretta kontra l-konvenut li kien obbligat jibbenefikah. Aktar tard, pero', il-beneficcjarju nghata dan id-dritt ta' azzjoni diretta, mhux ex pacto, izda ex decreto magistratus. Dan id-dritt ta' azzjoni diretta gie eventwalment inkorporat fid-dritt civili ta' dawk il-pajjizi li l-bazi tal-Kodici Civili taghhom hu d-dritt Ruman, u illum hu accettat li l-beneficcjarju taht kuntratt bejn zewg partijiet ohra, ghandu azzjoni diretta ghall-protezzjoni tal-beneficcju koncess lilu b'dak il-kuntratt. Dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Millard vs Said et", f'sentenza studjata u elaborata li tat fl-14 ta' Settembru, 1988. (...)*

*M'hemmx dubju li anke f'dan il-kaz, il-membri tal-Ghaqda hadu u accettaw il-beneficcji li johorgu mill-polza tal-assikurazjoni in kwistjoni, u kwindi kull membru jew l-eredi tieghu ghandhom mhux biss l-interess izda azzjoni diretta biex jitolbu l-hlas tal-beneficcju li huma intitolati ghalih taht il-polza.*" (**Grace Difesa et. v. HSBC Life Assurance (Malta) Ltd** deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 t'Ottubru, 2003).

Fil-kaz hawn fuq riportat l-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonkludiet billi rrespingiet hemm ukoll l-eccezzjoni koncernanti allegat nuqqas ta'rapport guridiku bejn il-partijiet fil-kawza.

Illi fil-kaz in ezami allura jehtieg li jigi determinat jekk l-intenzjoni tal-partijiet kenitx, hawn ukoll, dik li joffru kopertura mhux biss lil Roberto Grancini limitatament f'ismu proprju imma wkoll a beneficcju ta' terzi persuni, inkluza allura s-socjeta` attrici li sofriet id-dannu f'dan il-kaz tenut kont li l-umbrelel stallati barra l-hanut kienu proprjeta` taghha (f'dan is-sens kontijiet u ricevuti a fol. 54 et. seq. tal-process). Grancini xehed li l-intenzjoni tieghu kienet li l-assikurazzjoni "*tkopri r-restaurant*" (f'dan is-sens xhieda moghtija minnu in kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 ta'Frar, 2019). Kif inhuwa risaput il-*proposal form* hija l-att li jwassal ghall-vinkolu assikurattiv gjaladarba jigi accettat ("*Hu dottrinalment ricevut illi in linea generali l-ftehim ta' assigurazzjoni jaf il-bidu tieghu lid-dokument li kif inhu maghruf mill-istess nomenklatura tieghu jkun jikkontjieni proposta da parte tal-persuna li tkun trid tassigura li trid tidhol f'rapport ta' assigurazzjoni. Proposta din li una volta accettata mill-assiguratur tipperfezzjona l-kuntratt u tikkreja l-vinkolu kontrattwali. "This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is up to the insurer to decide whether to provide cover, and if so, at what premium" – Ivamy ("General Principles of Insurance, 4th Ed. 1979, pagna 107).*" (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Angelo Spiteri v. Citadel Insurance** p.l.c. datata 28 t' April, 2004). Fil-kaz in ezami, kif nutat hawn fuq, jirrizulta kjarament mill-*proposal form* li l-intenzjoni ta' Grancini kienet proprju dik li joffri protezzjoni b'referenza ghan-negozju tieghu bl-isem ta' Soul Food tant illi tali formola, kif inghad, tindika, pjuttost generikament, li huwa kien qieghed jagixxi f'isem tali gestjoni. Hija proprju din il-proposta li giet sussgenwentement accettata mis-socjeta` assikuratrici konvenuta u li wasslet ghall-hrug tal-polza. Jidher ukoll li r-ricevuti ghall-hlas tal-*premia* kienu jinhargu wkoll fisem 'Roberto Grancini obo Soul Food Restaurant". Jidher ukoll li sa mill-bidu nett kien hemm l-intenzjoni li l-gestjoni ta' tali haunt tigi fdata f'idejn socjeta` kummercjali tant illi saret rizerva ghal dan fil-kuntratt ta' kera relattiv ghall-hanut (f'dan is-sens klawsola 9 tal-kuntratt ta' kera a fol. 115 tal-process). Is-socjeta` attrici irnexxielha tipprova wkoll li l-umbrelel kienu muniti mill-permessi mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti (permess ezebit a fol. 97 tal-process) u li kienu fil-fatt proprjeta` tas-socjeta` attrici permezz tar-ricevuti relattivi (a fol. 54 et. seq. tal-process).

Illi fil-kaz in ezami ghandha ssir ukoll referenza ghall-Memoranda Generali ghall-polza assikurattiva ARG-GEN (MEMO) 003 – Other Interested Parties li tipprovdi espressament is-segwenti:

> "***This Policy is understood to include the interest where involved of other parties including those of Parent, Allied and Subsidiary Companies, The Nature and Extent of such interest to be declared in the event of the loss.***"
> (enfazi mizjuda)

Jinsab ukoll provdut illi tali Memorandum, fost ohrajn, "*shall apply to and form part of this Policy*".

Illi konsegwentement huwa car li anke f'dan il-kaz m' hemm xejn li jeskludi lis-socjeta` attrici milli tagixxi hija wkoll f'isimha u fir-rigward tal-proprjeta` taghha abbazi tal-polza li kjarament saret ukoll a beneficcju taghha – dana dejjem limitatament ghall-interess pruvat taghha fir-rigward tal-aspetti koperti mill-istess polza kif ser jigi dettaljat hawn taht. Fil-kaz in ezami, kif inghad, is-socjeta` attrici irnexxielha tipprova li l-umbrelel mertu tal-kawza huma proprjeta` taghha tramite r-ricevuti relattivi u kwindi irnexxiela tipprova "*the nature and extent of such interest*" biex tkun tista' tibbenefika mill-polza gjaladarba jirrizulta li l-kopertura hija effettivament applikabbli wkoll fir-rigward tal-proprjeta` taghha – dana kif espressament kontemplat fl-istess polza assikurattiva u kif jirrizulta car ukoll mill-intenzjoni tal-partijiet kemm skont tali polza kif ukoll skont id-dokumenti li diga` saret referenza ghalihom hawn fuq. Ghall-bqija huwa car li dak li gie deciz mill-Onor. Prim'Awla fil-kawza hawn fuq citat huwa wkoll applikabbli ghall-kaz in ezami, tenut kont tal-fatt li hija fuq kollox il-polza stess li tittutela u tinkludi that il-protezzjoni offruta l-interess guridiku pruvat ta' terzi persuni.

Konsegwentement it-Tribunal ser jichad l-eccezzjonijiet numerati wiehed fir-risposti rispettivi tas-socjetajiet Galea Insurance Brokers u Future Focus Limited u wkoll l-eccezzjoni kontenuta fir-risposta ulterjuri tas-socjeta` Argus Insurance Agencies Limited.

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta Argus Insurance Agencies Limited u cioe` li hija tiggestixxi n-negozju unikament físem is-socjeta` estera Argus Insurance

Company (Europe) Limited u mhux f'isimha proprju, dan jirrizulta kjarament mill-polza assikurattiva fejn minnufih issir referenza ghal Argus Insurance Company (Europe) Limited (tergo a fol. 25). Jidher li tali kwistjoni baqghet ma gietx sanata permezz tal-korrezzjoni opportuna fl-okkju. It-Tribunal ihoss, a tenur tal-art. 7(1) u 9(1) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** (Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta) li tali eccezzjoni m'ghandhiex twassal awtomatikament ghas-sanzjoni drastika tal-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-istess socjeta` konvenuta imma ghall-korrezzjoni opportuna li, fi kwalunkwe kaz, m'hi ser tirreka ebda pregudizzju lil xi wiehed jew wahda mill-partijiet. Certament li dan huwa r-rimedju l-iktar idoneju tenut kont in-natura tal-proceduri quddiem it-Tribunal li jezigu l-inqas formalita` u decizjonijiet imparzjali u ekwitattivi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed *ex ufficio* jordna l-korrezzjoni tal-atti tal-kawza u kif ukoll tal-okkju relattiv u dana sabiex kull referenza ghal Argus Insurance Agencies Limited ghandha tigi sostitwita b'referenza ghas-socjeta Argus Insurance Agencies Limited a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u ser jastjeni mill-jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-istess socjeta` kif kontenuta fl-ewwel risposta taghha.

Illi fir-rigward tal-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet Galea Insurance Brokers Limited u Future Focus Limited, jirrizulta mit-talba attrici li din qed tigi indirizzata wkoll "*fil-konfront ta' Future Focus Limited li tezercita n-negozju taht it-trade name "Galea Insurance Brokers Limited" bhala brokers li kienu kkonfermaw espressament li kien ser ikun hemm kopertura fuq dawn l-umbrelel*". Waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2018 gie kjarifikat ukoll li l-azzjoni odjerna kienet indirizzata fil-konfront taz-zewg socjetajiet.

Illi ghaldaqstant jehtieg li jigi determinat jekk, fl-ewwel lok, il-hsara sofferta mis-socjeta`attrici hijiex effettivament koperta mill-polza mahruga mis-socjeta` assiguratrici Argus Insurance Agencies Limited u, jekk le, jekk tali nuqqas huwiex attribwibbli lil xi wahda mis-socjetajiet intimati Galea Insurance brokers Limited jew Future Focus Limited in kwantu *brokers*. F'dan ir-rigward fil-fatt jinsab regolarment deciz li:

> “*Huwa pacifikament akkolt kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi “in all matters relating to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone. If as a matter of convenience he (the insurance agent) fills the proposal form he is acting as agent for the proposer” – Charlesworth (“Mercantile Law”, 1984, p913 et seq; “Lawrence Azzopardi et –*vs- *Joseph Muscat”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997. Fuq l-istregwa tal-kazistika Ingliza dan il-punt gie elaborat ukoll fis-sentenzi riportati a Vol XXXVI pIII p610 u Vol L pIII p590.*” (ara f’dan is-sens ukoll is-sentenza gja citata fl-ismijiet **Angelo Spiteri v. Citadel Insurance p.l.c**).

Anke f’dan ir-rigward it-Tribunal fela bir-reqqa d-dokukentazzjoni estensiva ezebita f’dawn il-proceduri, b’mod partikulari il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet, ir-ricevuti rigwardanti l-hlas ta’ *premia*, il-*proposal form* u l-*Policy Schedule*. Jirrizulta kjarament li l-korrispondenza bejn Grancini u Rosanne Galea kienet qed issir mill-istess Rosanne Galea bhala Managing Director ta’ Galea Insurance Brokers u Future Focus Limited (Dok. Rg2 a fol. 57 et. seq. tal-process; Dok. RG5 a fol. 63 et. seq. tal-process). Il-hlas tal-*premia*, madanakollu, jidher li kien qed isir lil Galea Insurance Brokers (f’dan is-sens cekk datat 9 t’ April, 2018 immarkat Dok. RG1 a fol. 78 tal-process) u r-ricevuta ghall-hlas tal-*premia* ukoll kienet tinhareg minn Galea Insurance Brokers Limited (Dok. RG4 a fol. 62 tal-process). Is-socjeta`Argus ukoll jidher li kienet tohrog il-kont lil Galea Insurance Brokers (fol. 164 tal-process). Aktar minn hekk jirrizulta car li l-polza harget proprju tramite l-intervent ta’ Galea Insurance Brokers Limited kif jirrizulta car mill-kopja tal-polza ezebita fl-atti bhala Dok. RG1 (senjatament *tergo* tal-ahhar foljo wara fol. 55 tal-process). F’dan ir-rigward xehdet Rosanne Galea li wkoll ikkonfermat li s-socjeta` Future Focus Limited ma kellha ebda involvement fil-*brokerage* tal-polza odjerna u l-estensjoni relattiva u li l-indikazzjoni ta’ tali socjeta` fl-*email* kien frott zball (f’dan is-sens xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta’ Gunju, 2019). Konsegwentement huwa car li, lilhinn mill-*emails* mibghutin mill-indirizz ta’ Future Focus Limited, il-*broker* kienet evidentement is-socjeta` Galea Insurance Brokers Limited u s-socjeta` attrici kellha tkun a konoxxenza ta’ dan anke in vista tad-dokumenti ezebiti minnha stess u l-hlasijiet li saru minnha direttament lil tali *broker*.

Illi fir-rigward tad-dicitura uzata fil-polza, ix-xhud Max Borg Bonello prodott mis-socjeta`assiguratrici Argus Insurance Agencies Limited xehed permezz tal-affidavit tieghu (Dok. A a fol. 155 tal-process) li Ïl-polza qatt ma kienet tkopri dan l-event dannuz billi, in kwantu ghal taghmir fuq barra, kienet tkopri biss hsara fuq proprjeta` immobbli. F'dan ir-rigward huwa jaghmel referenza ghall-*extension* tal-polza ARG-Prop (Ext) 002 li tipprovdi kopertura ghal "*immovable property in the open including but not limited to fences, gates, boundary walls, furniture, fixtures and fittings, aerials, satellite dishes, masts or antenna landscaping and other outdoor furniture*". Madanakollu jinghad li, in kontro-ezami, il-verzjoni moghtija mill-istess xhud kienet is-segwenti:

> "(I)*l-polza effettivament ma teskludix umbrelel. Dawn l-umbrelel jinsabu eskluzi peress li huma movables u suppost kellhom jiddahhlu gewwa.* (…) *Naqbel ma' dak li qed jigi suggerit lili li taht is-Section 1 imsemmi madanakollu huma inkluzi wkoll movables u allura l-kopertura testendi wkoll ghal dawn il-mobbli. Ma niftakarx jekk ahna da parti taghna konniex ikkunsidrajna l-kwistjoni dwar jekk dawn l-umbrelel kenux imwahhlin b'mod fiss mal-art jew le, lanqas niftakar jekk intbaghatx surveyor.* ***Fuq mistoqsija tat-Tribunal ghalfejn allura s-socjeta` Argus kienet iddeterminat li in kwantu mobbli dawn l-umbrelel ma humiex koperti minkejja dak li hemm indikat that is-Section 1 u li skont ma ghadni kif xhedt jiena s-Section 1 tinkludi wkoll mobbli nghid li effettivament suppost hemm kundizzjoni ohra fil-polza li tillimita din l-estensjoni partikolari tal-polza ghal immobbli madanakolli jiena din il-kundizzjoni partikolari prezentement ma nistax insibha.***" (xhieda moghtija in kontro-ezami fit-3 ta' Frar, 2020 – enfazi mizjuda).

Illi effettivament is-Section 1 tal-Policy Schedule tinkludi testwalment "*Furniture, Fixtures* (…) *being the property of the Insured and/or which is in the care custody and control of the insured and for which the Insured is responsible*" (fol. 55 tal-process), minghajr distinzjoni ghal mobilja fissa jew le, li tinsab gewwa jew barra – dana kif ammess mill-istess xhieda ta' Max Borg Bonello.

Illi f'dan ir-rigward jinghad li skont l-art. 993 tal-**Kodici Civili** il-kuntratti "*ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi*". Jinghad ukoll li, ghal dak li ghandu x'jaqsam l-interpretazzjoni tal-kuntratti l-art. 1002 tal-**Kodici Civili** jipprovdi testwalment li:

> "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal* interpretazzjoni*.*"

B'zieda ma' dan, fir-rigward ta'kuntratti assikurattivi, huwa risaput li japplika l-principju li jehtieg l-*uberrimae fidae* min-naha tal-kontraenti u dana kemm fl-istadju tan-negozjati u wkoll ukoll fl-ezekuzzjoni tal-istess. F'dan is-sens, fil-fatt jinsab deciz li "*il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta'* uberrimae fidae *u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh*" (**Pawlu Baron v. Thos. C. Smith noe**. deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 t' Ottubru, 2004).

Illi tenut kont tas-surrferit it-Tribunal isib li l-umbrelel mertu tal-kawza certament li kienu koperti mill-polza tal-assikurazzjoni u dana ghaliex l-estensjoni citata hawn fuq tkopri kjarament il-mobilja kollha minghajr distinzjoni u limitazzjoni. L-assikurazzjoni hija issa tenuta li tirrispetta u tadempixxi ma' dak kjarament kuntrattat minnha a tenur tal-istess polza mahruga minnha. Il-kliem utilizzat, fil-fatt, ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni differenti.

Konsegwentement, huwa car li s-socjeta` Galea Insurance Brokers Limited ukoll tharrket f'dawn il-proceduri inutilment mis-socjeta` attrici u dana ghaliex wettqet fedelment l-istruzzjonijiet tal-principal taghha l-inkarigu moghti lilha. Huwa car li l-istruzzjonijiet kienu dawk indikati kjarament bil-kitba permezz tal-email datat 27 ta'Settembru, 2017 fejn issir referenza ghall-htiega li jsir *update* tal-kopertura assikurattiva semplicement sabiex jigu inkluzi zewg umbrelel li kienu ser jigu stallati f'Merchants Street (kopja tal-email ezebita a fol. 57 tal-process) u fil-fatt il-polza giet li tkopri tali imwejjed ukoll in kwantu mobilja, dana dejjem soggett ghall-kopertura hemmhekk applikabbli.

Madanakollu dan ma jfissirx li t-talba attrici ghandha awtomatikament tigi milqugha. Avolja m'hemm xejn li *a priori* jeskludi mobbli minn tali kopertura, jehtieg li t-Tribunal jiddetermina jekk hux tassew li, kif eccepit mis-socjeta` assikuratrici "***l-event dannuz***

*li minnu l-attur qiegħed jilmenta illi sofra d-danni ma kienx kopert mill-polza maħruġa mill-esponenti*" (enfazi mizjuda). Effettivament jirrizulta kjarament mill-istess polza li l-kopertura tal-Business Select (Accidental Damage) Policy teskludi minn Section 1 – Accidental Damage (Property) "**<u>damage to the property insured caused by (…) (d) (iv) wind, rain, hail, frost, snow, flood, sand or dust to movable property in the open sided buildings or to fences and gates</u>**" (fol. 27 tal-process – enfazi mizjuda).

Fir-rigward tal-incident mertu tal-kawza Roberto Grancini stess xehed li dakinhar tal-incident "*f'temp ta'ghaxar minuti giet buffura rih u tajret kemm l-umbrelel kif ukoll l-imwejjed u s-siggijiet*" (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minnu fil-11 ta' Frar, 2019). F'dan ir-rigward gie ukoll ezebit filmat li juri l-incident (USB drive ezebita a fol.79 tal-process) minn fejn jirrizulta car li l-hsara sofferta mis-socjeta`attrici kien rizultat ta' rih qawwi. F'dan ir-rigward allura huwa car li tapplika l-eskluzzjoni surreferita u li kwindi s-socjeta` assikuratrici konvenuta hija gustifikata filli tirrifjuta li tikkumpensa lis-socjeta` attrici ghal tali hsara, limitatament ghal dak li jinghad hawn fuq. Huwa car li anke meta Grancini ra li jottjeni estensjoni ta' tali kopertura anke fir-rigward tal-umbrelel mertu tal-kawza, tali estensjoni kienet ukoll soggetta ghall-eskluzjoni imsemmija u kwindi s-socjeta`Argus ghandha ragun tikkontendi li l-event dannuz citat mis-socjeta` attrici mhux kopert bil-polza, dana mhux ghaliex tali eskluzjoni tirreferi ghal mobbli kollha imma ghaliex teskludi mobbli li jkunu sofrew hsara bhala konsegwenza ta' rih – proprju kif gara fil-kaz in ezami. Da parti tal-*broker* lanqas jista' jigi riskontrat xi nuqqas f'dan ir-rigward u dana tenut kont tal-fatt li, kif inghad hawn fuq, l-istruzzjonijiet espressament moghtija kienu dawk li jaraw li jottjenu estensjoni tal-polza ezistenti ghal tali umbrelel u mhux xi varjazzjoni ta' din l-eskluzzjoni cara ghall-hsara kkawzata minn rih. Kif issottometta gustament id-difensur legali tas-socjeta` assiguratrici konvenuta, dana seta' kien possibbli kieku l-assigurat talab u ottjena s-suplement tal-polza sabiex tkopri tali riskji permezz tal-estensjonijiet relattivi ARG – PROP (SUP) 007 (li, fi kwalunkwe kaz, kienet tillimita ir-rizarciment ghal elf euro (€1000)) u ARG – PROP (SUB) 011 – ADDITIONAL PERILS li kienet tkopri danni rizultanti minn rih u hallas ghall-istess (tergo fol. 181 u fol. 182 tal-process). Mill-email mibghuta mill-istess Grancini jirrizulta car li l-intenzjoni tieghu kienet dik li jzomm l-istess kopertura u jestendi l-istess ghall-imwejjed ("*by introducing these new*

*items*”) – mhux li jvarja tali kopertura, proprju permezz tas-suplementi relattivi, biex tinkludi wkoll il-hsara kollha kagunata minn rih. Sa dak iz-zmien l-assigurat kellu jkun jaf li hsara mir-rih ma kenitx koperta mill-polza tieghu u kwindi huwa car li kieku l-intenzjoni tieghu kienet tassew dik li japplika ghal tali supplement huwa kien jitlob dan espressament u mhux jillimita ruhu sabiex, kif xehed hu stess, semplicement jaggorna l-polza ezistenti – kwindi minghajr tali estensjoni/jiet – ghall-umbrelel installati.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’u jiddeciedi dan il-kaz billi:

Fir-rigward tar-risposti ta’ Future Focus Limited u ta’ Galea Insurance Brokers Limited rispettivament, jichad l-eccezzjonijiet numerati wiehed u tnejn, jilqa’ t-tielet eccezzjoni taghhom u kwindi filwaqt li jastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet jillibera lill-istess socjetajiet mill-osservanza tal-gudizzju,

Fir-rigward tar-risposti tas-socjeta` Argus Insurance Agencies Limited, jichad ir-risposta ulterjuri, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni in vista tal-korrezzjoni ordnata aktar íl fuq f’din is-sentenza, jilqa’ t-tieni u t-tielet eccezzjoniet kontenuti fl-ewwel risposta taghha limitatament sakemm kompatibbli mas-surreferit u dana billi jiddikjara li l-event dannuz li minnu s-socjeta` attrici qed tilmenta m’huwiex kopert mill-polza mahruga mill-eccipjenti in kwantu tali hsara kienet ikkawzata minn rih u jastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet.

Konsegwentement tichad it-talba attrici bis-socjeta` attrici issofri l-ispejjez tas-socjetajiet konvenuti Future Focus Limited u ta’ Galea Insurance Brokers Limited u bil-bqija tal-ispejjez jigu spartiti in kwantu ghal wiehed minn erba’ (1/4) mis-socjeta` Argus Insurance Agencies Limited u in kwantu ghal tlett partijiet minn erba’ (3/4) mis-socjeta` attrici.

Av. Dr. Philip M. Magri